KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 25.2.2005
KUMM(2005) 62 finali

2005/0012 (CNS)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-firma u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Libanu dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni proviżorja tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Libanu dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru

(preżentati mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Ir-relazzjonijiet internazzjonali ta' l-avjazzjoni bejn Stati Membri u pajjiżi terzi kienu tradizzjonalment iggvernati minn ftehim bilaterali tas-servizzi ta' l-ajru bejn Stati Membri u pajjiżi terzi, l-Annessi tagħhom u arranġementi oħra bilaterali jew multilaterali relatati.

Wara d-Deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej fil-każijiet C-466/98, C-467/98, C-468/98, C-471/98, C-472/98, C-475/98 u C-476/98, il-Komunità għandha kompetenza esklussiva fil-konfront ta' aspetti varji ta' l-avjazzjoni esterna. Il-Qorti tal-Ġustizzja iċċarat ukoll id-dritt tal-kumpaniji ta' l-ajru tal-Komunità biex jibbenefikaw mid-dritt li jistabbilixxu ruħhom fil-Komunità, inkluż id-dritt għall-aċċess mhux diskriminatorju għas-suq.

Klawżoli tradizzjonali ta' dežinjazzjoni fi ftehim bilaterali tas-servizzi ta' l-ajru ta' l-Istati Membri jiksru l-liġi Komunitarja. Jagħtu l-lok lill-pajjiż terz li jirrifjuta, jirtira jew jissospendi l-permessi jew l-awtorizzazzjonijiet ta' kumpanija ta' l-ajru li kienet dežinjata minn Stat Membru iżda li mhijiex proprjetà sostanzjali u kkontrollata effettivament minn Stat Membru jew miċ-ċittadini tiegħu. Dan instab li jikkostitwixxi diskriminazzjoni kontra l-kumpaniji ta' l-ajru stabbiliti fit-territorju ta' Stat Membru iżda li huma proprjetà u kkontrollati minn ċittadini ta' Stat Membru ieħor. Dan huwa imur kontra l-Artikolu 43 tat-Trattat li jiggarantixxi liċ-ċittadini ta' l-Istati Membri li eżerċitaw id-dritt tagħhom li jistabbilixxu ruħhom fejn iridu l-istess trattament fl-Istat Membru li jilqagħhom bħal dak mogħti liċ-ċittadini ta' dak l-Istat Membru.

Wara d-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni f'Ġunju ta' l-2003 biex tiftaħ in-negozjati ma' pajjiżi terzi dwar il-bdil ta' ċerti dispożizzjonijiet fi ftehim bilaterali eżistenti bi ftehim Komunitarju[1]

Fi qbil mal-mekkaniżmi u d-Direttivi fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kunsill li jawtorizza lill-Kummissjoni li tiftaħ negozjati ma' pajjiżi terzi dwar il-bdil ta' ċertu dispożizzjonijiet fi ftehim bilaterali eżistenti bi ftehim Komunitarju, il-Kummissjoni nnegozjat ftehim mar-Repubblika tal-Libanu li jieħu post ċerti dispożizzjonijiet fi ftehim bilaterali tas-servizzi ta' l-ajru eżistenti bejn l-Istati Membri u r-Repubblika tal-Libanu. L-Artikolu 2 tal-Ftehim jieħu post il-klawżoli tradizzjonali ta' dežinjazzjoni bi klawżola ta' dežinjazzjoni Komunitarja, li tippermetti lill-kumpaniji ta' l-ajru tal-Komunità li jibbenefikaw mid-dritt ta' stabbiliment. L-Artikoli 4 u 5 tal-Ftehim jindirizzaw żewġ tipi ta' klawżoli li jikkonċernaw suġġetti li jaqgħu fil-kompetenza tal-Komunità. L-Artikolu 4 għandu x'jaqsam mat-tassazzjoni tal-fjuwil għall-avjazzjoni, materja li kienet armonizzata bid-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE li tirristruttura l-qafas tal-Komunità għat-tassazzjoni ta' prodotti ta' l-enerġija u elettriku, partikolarment l-Artikolu 14 tal-paragrafu 2 tagħha. L-Artikolu 5 (Tariffi għall-ġarr) jirrisolvi konflitti bejn ftehim bilaterali tas-servizzi ta' l-ajru eżistenti u r-Regolament tal-Kunsill Nru 2409/92 dwar tariffi u rati għas-servizzi ta' l-ajru li ma jħallux kumpaniji ta' l-ajru ta' pajjiżi terzi milli jkollhom pożizzjoni dominanti fuq is-servizzi ta' l-ajru għall-ġarr magħmul kollu kemm hu fil-Komunità.

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 11323/03 tal-5 ta' Ġunju 2003 (dokument riservat)

Il-Kunsill huwa mitlub li japprova d-deċiżjonijiet fuq l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja u fuq il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Libanu fuq ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru u biex jaħtar il-persuni awtorizzati biex jiffirmaw il-Ftehim għan-nom tal-Komunità.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-firma u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Libanu dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 80(2) flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni[2],

Billi:

(1) Il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni fil-5 ta'Ġunju ta' l-2003 biex jiftaħ in-negozjati ma' pajjiżi terzi dwar il-bdil ta' ċerti dispożizzjonijiet fi ftehim bilaterali eżistenti bi ftehim Komunitarju;

(2) Il-Kummissjoni nnegozjat f'isem il-Komunità ftehim mar-Repubblika tal-Libanu dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru fi qbil mal-mekkanizmi u d-Direttivi fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kunsill li jawtorizza lill-Kummissjoni li jiftaħ negozjati ma' pajjiżi terzi dwar il-bdil ta' ċertu dispożizzjonijiet fi ftehim bilaterali eżistenti bi ftehim Komunitarju;

(3) Il-ftehim innegozjat mill-Kummissjoni għandu jiġi ffirmat, fid-dawl tal-konklużjoni possibli tiegħu aktar tard, u jiġi applikat proviżorjament.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu Waħdieni

1. Suġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard, il-President tal-Kunsill huwa hawnhekk awtorizzat li jinnomina l-persuna jew l-persuni bis-setgħa li jiffirmaw f'isem il-Komunità l-ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Libanu dwar ċertu aspetti tas-servizzi ta' l-ajru.

2. Sakemm jidħol fis-seħħ, il-ftehim ser ikun applikat b'mod proviżorju mill-ewwel jum tax-xahar wara d-data li fiha l-partijiet innotifikaw lil xulxin bit-tmiem tal-proċeduri meħtieġa għal dan il-għan. Il-President tal-Kunsill huwa hawnhekk awtorizzat li jagħmel in-notifikazzjoni pprovduta fl-Artikolu 8.2 tal-ftehim.

[2] ĠU C [...], [...], p. [...].

3. It-test tal-Ftehim huwa anness ma' din id-deċiżjoni.

Magħmula fi Brussel, […]

Għall-Kunsill
Il-President
[…]

2005/0012 (CNS)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni proviżorja tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Libanu dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 80(2) flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2) tiegħu, u l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 300(3) ,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni[3],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew[4],

Billi:

(1) Il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni fil-5 ta'Ġunju ta' l-2003 biex tiftaħ in-negozjati ma' pajjiżi terzi dwar il-bdil ta' ċerti dispożizzjonijiet fi ftehim bilaterali eżistenti bi ftehim Komunitarju;

(2) Il-Kummissjoni nnegozjat f'isem il-Komunità ftehim mar-Repubblika tal-Libanu dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru fi qbil mal-mekkanizmi u d-Direttivi fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kunsill li jawtorizza lill-Kummissjoni li tiftaħ negozjati ma' pajjiżi terzi dwar il-bdil ta' ċerti dispożizzjonijiet fi ftehim bilaterali eżistenti bi ftehim Komunitarju;

(3) Dan il-ftehim ġie ffirmat f'isem il-Komunità fi [...] suġġett għall-possibiltà tal-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard, konformi mad-deċiżjoni .../.../KE tal-Kunsill fi [...][5]

(4) Dan il-ftehim għandu jiġi approvat,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

1. Il-ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Libanu dwar ċerti aspetti tas-servizz ta' l-ajru huwa approvat f'isem il-Komunità.

2. It-test tal-ftehim huwa anness ma' din id-Deċiżjoni.

---

3 ĠU C [...], [...], p. [...].
4 ĠU C [...], [...], p. [...].
5 ĠU C [...], [...], p. [...].

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa hawnhekk awtorizzat li jaħtar il-persuna li għandha s-setgħa li tagħmel in-notifikazzjoni provduta fl-Artikolu 8.1 tal-Ftehim.

Magħmula fi Brussel, […]

Għall-Kunsill
Il-President
[…]

Anness

FTEHIM

bejn
il-Komunità Ewropea
u
ir-Repubblika tal-Libanu

dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru

IL-KOMUNITÀ EWROPEA

minn naħa waħda, u

IR-REPUBBLIKA TAL-LIBANU

min-naħa l-oħra

(minn hawn 'il quddiem 'il-Partijiet')

INNUTAW li ftehimiet ta' servizzi bilaterali ta' l-ajru ġew konklużi bejn diversi Stati Membri tal-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Libanu li fihom dispożizzjonijiet li jmorru kontra l-liġi Komunitarja Ewropea,

INNUTAW li l-Komunità Ewropea għandha l-kompetenza esklussiva fir-rispett ta' bosta aspetti li jistgħu jiġu inklużi fi ftehim ta' servizzi bilaterali ta' l-ajru bejn l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea u pajjiżi terzi,

INNUTAW li taħt il-liġi Komunitarja Ewropea kumpaniji ta' l-ajru tal-Komunità stabbiliti fi Stat Membru għandhom id-dritt għal aċċess mhux diskriminatorju għal rotot ta' l-ajru bejn l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea u pajjiżi terzi,

WARA LI KKUNSIDRAW il-ftehim bejn il-Komunità Ewropea u ċerti pajjiżi terzi li jipprovdu l-possibiltà għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkollhom sehem f'kumpaniji ta' l-ajru liċenzjati minn Stati Membri tal-Komunità Ewropea,

GĦARFU li d-dispożizzjonijiet tal-ftehim għas-servizzi bilaterali ta' l-ajru bejn Stati Membri tal-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Libanu, li huma kontra l-liġi Komunitarja Ewropea, jridu jiġu f'konformità sħiħa ma' dawn sabiex tiġi stabbilita bażi legali tajba għas-servizzi ta' l-ajru bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Libanu u biex tiġi ppreservata t-tkomplija ta' dawn is-servizzi ta' l-ajru,

INNUTAW li mhuwiex għan tal-Komunità Ewropea, bħala parti minn dawn in-negozjati, li jiżdied il-volum totali ta' traffiku ta' l-ajru bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Libanu, jew li taffettwa l-bilanċ bejn kumpaniji ta' l-ajru tal-Komunità u kumpaniji ta' l-ajru tar-Repubblika tal-Libanu, jew li tinnegozja emendi għad-dispożizzjonijiet ta' ftehim bilaterali eżistenti għas-servizzi ta' l-ajru dwar drittijiet tat-traffiku.

FTEHMU KIF ĠEJ:

Artikolu 1
Dispożizzjonijiet Ġenerali

1. Għall-għanjiet ta' dan il-Ftehim, 'Stati Membri' ser tfisser Stati Membri tal-Komunità Ewropea.

2. Referenzi mniżżla f'kull ftehim fl-Anness 1 għaċ-ċittadini ta' l-Istat Membru li ħa sehem fil-ftehim ser jinfthemu bħala li qed jirreferu għaċ-ċittadini ta' l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea.

3. Referenzi mniżżla f'kull ftehim fl-Anness 1 lill-kumpaniji ta' l-ajru jew linji ta' l-ajru ta' l-Istat Membru li ħa sehem fil-ftehim ser jinfthemu bħala li qed jirreferu għall-kumpaniji ta' l-ajru jew linji ta' l-ajru magħżula minn dak l-Istat Membru.

Artikolu 2
Ħatra minn Stat Membru

1. Id-dispożizzjonijiet fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu ser jieħdu post id-dispożizzjonijiet li jikkorrispondu magħhom fl-artikoli mniżżla fl-Anness 2(a) u (b) rispettivament, f'dak li għandu x'jaqsam mal-ħatra tal-kumpanija ta' l-ajru mill-Istat Membru kkonċernat l-awtorizzazzjonijiet tiegħu u l-permessi mogħtija mir-Repubblika tal-Libanu, u r-rifjut, ir-revoka, is-sospensjoni jew il-limitazzjoni ta' l-awtorizzazzjonijiet jew il-permessi tal-kumpanija ta' l-ajru, rispettivament.

2. Meta tirċievi l-ħatra mingħand Stat Membru, ir-Repubblika tal-Libanu ser tagħti l-awtorizzazzjonijiet xierqa u l-permessi bl-anqas dewmien proċedurali, sakemm:

- i. il-kumpanija ta' l-ajru hija stabbilita fit-territorju ta' l-Istat Membru li ħatarha taħt it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u li għandha Liċenzja Operattiva valida fi qbil mal-liġi Komunitarja Ewropea;

- ii. jkun hemm kontroll regolatorju effettiv tal-kumpanija ta' l-ajru u jkun miżmum mill-Istat Membru responsabbli għall-ħruġ taċ-Ċertifikat ta' l-Operaturi ta' l-Ajru tiegħu u l-awtorità aeronawtika relevanti hija identifikata b'mod ċar fil-ħatra; u

- iii. il-kumpanija ta' l-ajru hija proprjetà u ser tkompli tkun proprjetà diretta jew permezz ta' l-akbar sehem azzjonarju mill-Istati Membri u/jew ċittadini ta' l-Istati Membri mniżżla fl-Anness 3 u/jew ċittadini ta' stati oħra simili, u ser tkun il-ħin kollu effettivament ikkontrollata minn tali stati u/jew tali ċittadini.

3. Ir-Repubblika tal-Libanu tista' tirrifjuta, tirrevoka, tissospendi jew tillimita l-awtorizzazzjonijiet jew il-permessi ta' kumpanija ta' l-ajru minn Stat Membru fejn:

- i. il-kumpanija ta' l-ajru mhijiex stabbilita fit-territorju ta' l-Istat Membru li ħatarha taħt it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea jew m'għandiex Liċenzja Operattiva valida fi qbil mal-liġi Komunitarja Ewropea; jew

- ii. ma hemmx kontroll regolatorju effettiv tal-kumpanija ta' l-ajru jew manutenzjoni mill-Istat Membru responsabbli għall-ħruġ taċ-Ċertifikat ta' l-

Operaturi ta' l-Ajru tiegħu, jew l-awtorità aeronawtika relevanti mhijiex identifikata b'mod ċar fil-ħatra; jew

- iii. il-kumpanija ta' l-ajru mhijiex proprjetà u kontrollata direttament b'mod effettiv jew permezz ta' l-akbar sehem azzjonarju mill-Istati Membri u/jew ċittadini ta' l-Istati Membri, jew minn stati oħra elenkati f'lista fl-Anness 3 u/jew ċittadini ta' tali stati oħra; jew

Waqt li tħaddem id-dritt tagħha taħt dan il-paragrafu, ir-Repubblika tal-Libanu m'għandhiex tiddiskrimina bejn kumpaniji ta' l-ajru tal-Komunità fuq il-bażi ta' nazzjonalità.

Artikolu 3
Drittijiet f'dak li għandu x'jaqsam mal-kontroll regolatorju

1. Id-dispożizzjonijiet fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu ser jikkomplimentaw l-artikoli inniżżla f'lista fl-Anness 2(c).

2. Meta Stat Membru jkun ħatar kumpanija ta' l-ajru li l-kontroll regolatorju huwa mħaddem u miżmum minn Stat Membru ieħor, id-drittijiet tar-Repubblika tal-Libanu taħt id-dispożizzjonijiet ta' protezzjoni tal-ftehim bejn l-Istat Membru li ħatar il-kumpanija ta' l-ajru u r-Repubblika tal-Libanu ser japplika b'mod ugwali fir-rigward ta' l-adozzjoni, t-tħaddim jew il-manutenzjoni ta' l-istandards ta' sigurtà mill-Istat Membru l-ieħor u fir-rigward ta' l-awtorizzazzjoni għall-operazzjoni ta' dik il-kumpanija ta' l-ajru.

Artikolu 4
Tassazzjoni tal-fjuwil għall-avjazzjoni

1. Id-dispożizzjonijiet fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu ser jikkomplimentaw id-dispożizzjonijiet korrispondenti fl-artikoli mniżżla f'lista fl-Anness 2(d).

2. Minkejja kull dispożizzjoni oħra kontra dan, xejn f'kull ftehim imniżżel fl-Anness 2(d) mhu ser jimpedixxi Stat Membru milli jimponi taxxi, imposti, dazji, miżati jew tariffi fuq il-fjuwil fornut fit-territorju tiegħu għall-użu f'inġenji ta' l-ajru ta' kumpanija ta' l-ajru maħtura għar-Repubblika tal-Libanu li topera bejn punt fit-territorju ta' Stat Membru u punt ieħor fit-territorju ta' dak l-Istat Membru jew fit-territorju ta' Stat Membru ieħor.

Artikolu 5
Tariffi għall-ġarr fil-Komunità Ewropea

1. Id-dispożizzjonijiet fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu ser jikkomplimentaw l-artikoli mniżżla fl-Anness 2(e).

2. It-tariffi li ser jiġu ddebitati mill-kumpanija(i) ta' l-ajru maħtura mir-Repubblika tal-Libanu permezz ta' ftehim imniżżel fl-Anness 1 li fih dispożizzjoni mniżżla fl-Anness 2(e) għall-ġarr għalkollox fi ħdan il-Komunità Ewropea ser jiġi suġġett għal-liġi Komunitarja Ewropea.

Artikolu 6
Annessi mal-Ftehim

L-Annessi ma' dan il-Ftehim ser jifformaw parti integrali minnu.

Artikolu 7
Reviżjoni jew emendi

Il-Partijiet jistgħu, f'kull ħin, jirrivedu jew jemendaw dan il-Ftehim b'kunsens reċiproku.

Artikolu 8
Dħul fis-seħħ u applikazzjoni proviżorja

1. Dan il-Ftehim ser jidħol fis-seħħ meta l-Partijiet ikunu nnotifikaw lil xulxin bil-miktub li l-proċeduri interni rispettivi meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tiegħu tlestew.

2. Minkejja l-paragrafu 1, il-Partijiet jaqblu biex japplikaw b'mod proviżorju dan il-Ftehim mill-ewwel ġurnata tax-xahar wara d-data li fiha l-Partijiet avżaw lil xulxin bit-tmiem tal-proċeduri meħtieġa għal dan il-għan.

3. Ftehim u ftehim ieħor bejn l-Istati Membri u r-Repubblika tal-Libanu li, fid-data tal-firma ta' dan il-Ftehim, ma kienux għadhom daħlu fis-seħħ u li mhumiex qed jiġu applikati proviżorjament huma elenkati fl-Anness 1(b). Dan il-Ftehim ser japplika għal kull tali Ftehim u arranġamenti mad-dħul fis-seħħ tagħhom jew ma' l-applikazzjoni proviżorja tagħhom.

Artikolu 8
Tmiem

1. Fil-każ li ftehim imniżżel fl-Anness 1 jintemm, id-dispożizzjonijiet kollha ta' dan il-Ftehim li għandhom x'jaqsmu mal-ftehim mniżżel fl-Anness 1 konċernat ser jintemmu fl-istess ħin.

2. Fil-każ li l-ftehim kollu mniżżel fl-Anness 1 jintemm, dan il-Ftehim ser jintemm fl-istess ħin.

B'XIEHDA TA' DAN, il-firmatarji t'hawn taħt, bl-awtorizzazzjoni meħtieġa, iffirmaw dan il-Ftehim.

Magħmul fi [….] b'żewġ kopji, f'din […] ġurnata ta' […, …] fil-lingwa Ċeka, Daniża, Olandiża, Ingliża, Estonjana, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ungeriża, Taljana, Latvjana, Litwana, Maltija, Pollakka, Portugiża, Slovakka, Slovena, Spanjola u Żvediża u l-lingwi Għarbin. F'każ ta' diverġenzi t-test Ingliż ser jipprevali fuq it-testi bil-lingwi l-oħra.

GĦALL-KOMUNITÀ EWROPEA: GĦAR-REPUBBLIKA TAL-LIBANU:

ANNESS 1

Lista tal-ftehim imsemmija fl-Artikolu 1 ta' dan il-Ftehim

(a) Ftehim tas-servizzi ta' l-ajru bejn ir-Repubblika tal-Libanu u l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea li, fid-data tal-firma ta' dan il-Ftehim, ġew konklużi, iffirmati u/jew qed jiġu applikati proviżorjament

- **Ftehim bejn il-Gvern Federali ta' l-Awstrija u l-Gvern tar-Repubblika tal-Libanu għas-servizzi ta' l-ajru bejn u lil hinn mit-territorji rispettivi tagħhom,** magħmul f'Bejrut fit-2 ta' April 1969, kif emendat (minn hawn 'il quddiem il-Ftehim Il-Libanu – L-Awstrija);

- **Ftehim bejn il-Gvern Belġjan u l-Gvern Libaniż li jikkonċerna s-servizzi ta' l-ajru bejn u lil hinn mit-territorji rispettivi tagħhom,** magħmul f'Bejrut fl-24 ta' Diċembru 1953, kif emendat (minn hawn 'il quddiem il-Ftehim Il-Libanu – Il-Belġju);

- **Ftehim tas-Servizzi ta' l-Ajru bejn il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru u l-Gvern tar-Repubblika tal-Libanu,** inizjalat fit-23 ta' Mejju 1996 (minn hawn 'il quddiem l-Abbozz tal-Ftehim Il-Libanu - Ċipru);

- **Ftehim tat-Trasport ta' l-Ajru bejn il-Gvern tar-Repubblika Ċeka u l-Gvern tar-Repubblika tal-Libanu**, magħmul f'Bejrut fit-22 ta' Settembru 2003 (minn hawn 'il quddiem il-Ftehim Il-Libanu – Ir-Repubblika Ċeka);

- **Ftehim tat-Trasport ta' l-Ajru bejn id-Danimarka u l-Libanu**, magħmul f'Bejrut fil-21 ta' Ottubru 1955 (minn hawn 'il quddiem il-Ftehim Id-Danimarka –Il-Libanu);

- **Abbozz ta' Ftehim tat-Trasport ta' l-Ajru bejn il-Gvern tar-Repubblika Franċiża u l-Gvern tar-Repubblika tal-Libanu**, inizjalat u mehmuż mal-Verbal Miftiehem tal-konsultazzjonijiet bejn id-delegazzjonijiet li jirrappreżentaw il-Gvernijiet tar-Repubblika Franċiża u tar-Repubblika tal-Libanu, iffirmat f'Pariġi fl-24 ta' Ġunju 1998 (minn hawn 'il quddiem l-Abbozz tal-Ftehim Il-Libanu - Franza);

- **Ftehim tat-Trasport ta' l-Ajru bejn ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika tal-Libanu**, magħmul f'Bejrut fil-15 ta' Marzu 1961 kif emendat (minn hawn 'il quddiem il-Ftehim Il-Libanu – Il-Ġermanja);

- **Abbozz ta' Ftehim tas-Servizzi ta' l-Ajru bejn il-Gvern tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja u l-Gvern tar-Repubblika tal-Libanu,** inizjalat u mehmuż mal-Minuti Mifhema ffirmat f'Bonn fis-16 ta' Jannar 2002 (minn hawn 'il quddiem l-Abbozz tal-Ftehim Rivedut Il-Libanu – Il-Ġermanja);

- **Ftehim bejn il-Gvern tar-Renju tal-Greċja u l-Gvern tar-Repubblika tal-Libanu li jikkonċerna t-twaqqif tas-servizzi ta' l-ajru bejn it-territorji rispettivi tagħhom,** magħmul f'Bejrut fis-6 ta' Settembru 1948 (minn hawn 'il quddiem il-Ftehim Il-Libanu – Il-Greċja);

- **Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika Popolari ta' l-Ungerija u r-Repubblika tal-Libanu relatat mat-Trasport ta' l-Ajru Ċivili,** magħmul f'Bejrut fil-15 ta' Jannar 1966 (minn hawn 'il quddiem il-Ftehim Il-Libanu – L-Ungerija);

– **Ftehim tas-Servizzi ta' l-Ajru bejn il-Gvern Taljan u l-Gvern tar-Repubblika tal-Libanu,** magħmul f'Bejrut fl-24 ta' Jannar 1949 kif emendat (minn hawn 'il quddiem il-Ftehim Il-Libanu – L-Italja);

– **Ftehim tas-Servizzi ta' l-Ajru bejn il-Gvern tar-Repubblika tal-Libanu u l-Gvern tal-Gran Dukat tal-Lussemburgu**, inizjalat u mehmuż bħala Anness B mal-Memorandum ta' Ftehim Kunfidenzjali iffirmat f'Bejrut fit-23 ta' Ottubru 1998 (minn hawn 'il quddiem Abbozz ta' Ftehim Il-Libanu – Il-Lussemburgu);

– **Abbozz ta' Ftehim tas-Servizzi ta' l-Ajru bejn il-Gvern ta' Malta u l-Gvern tar-Repubblika tal-Libanu,** inizjalat u meħmuż bħala Anness B mal-Minuti Mifthema ffirmat f'Bejrut fit-30 ta' April 1999 (minn hawn 'il-quddiem Abbozz ta' Ftehim Il-Libanu - Malta);

– **Ftehim tat-Trasport ta' l-Ajru bejn ir-Renju ta' l-Olanda u r-Repubblika tal-Libanu ,** magħmul f'Bejrut fl-20 ta' Settembru 1949 (minn hawn 'il-quddiem Ftehim Il-Libanu - L-Olanda);

– **Ftehim tas-Servizzi ta' l-Ajru bejn il-Gvern tar-Repubblika Popolari tal-Polonja u l-Gvern tar-Repubblika tal-Libanu,** magħmul f'Bejrut fil-25 ta' April 1966 (minn hawn 'il-quddiem Ftehim Il-Libanu – Il-Polonja);

– **Ftehim tat-Trasport ta' l-Ajru bejn l-Iżvezja u l-Libanu,** magħmul f'Bejrut fit-23 ta' Marzu 1953 (minn hawn 'il-quddiem Ftehim Il-Libanu – L-Iżvezja);

– **Ftehim bejn il-Gvern tar-Renju Unit tal-Grann Brittanja u ta' l-Irlanda ta' Fuq u l-Gvern tar-Repubblika Libaniża għas-servizzi ta' l-ajru bejn u lil hinn mit-territorji rispettivi tagħhom,** magħmul f'Bejrut fil-15 ta' Awissu 1951, kif emendat (minn hawn 'il-quddiem Ftehim Il-Libanu – Ir-Renju Unit);

(b) Ftehim tas-servizzi ta' l-ajru u arranġamenti oħra inizjalati jew iffirmati bejn ir-Repubblika tal-Libanu u Stati Membri tal-Komunità Ewropea li, fid-data tal-firma ta' dan il-Ftehim, kienu għadhom ma' daħlux fis-seħħ u mhux qed jiġu applikati proviżorjament

– **Abbozz tal-Ftehim tat-Trasport ta' l-Ajru bejn ir-Renju ta' Spanja u r-Repubblika tal-Libanu,** inizjalat f'Madrid fil-21 ta' Awissu 1997, (minn hawn 'il-quddiem Abbozz ta' Ftehim Il-Libanu - Spanja);

ANNESS 2

Lista ta' l-artikoli fil-ftehim imniżżla fl-Anness 1 u msemmija fl-Artikoli 2 sa 5 ta' dan il-Ftehim

(a) Ħatra minn Stat Membru:

– Artikolu 3 tal-Ftehim Il-Libanu – L-Awstrija;

– Artikolu 3 tal-Ftehim Il-Libanu –Il-Belġju;

– Artikolu 4 ta' l-Abbozz tal-Ftehim Il-Libanu-Ċipru;

– Artikolu 3 tal-Ftehim Il-Libanu- Ir-Repubblika Ċeka;

– Artikolu 3 ta' l-Abbozz tal-Ftehim Il-Libanu - Franza;

– Artikolu 3 tal-Ftehim Il-Libanu – Il-Ġermanja;

– Artikolu 3 tal-Ftehim Il-Libanu – L-Ungerija;

– Artikolu 3 ta' l-Abbozz tal-Ftehim Il-Libanu – Il-Lussemburgu;

– Artikolu 6 ta' l-Abbozz tal-Ftehim Il-Libanu - Malta;

– Artikolu 3 tal-Ftehim Il-Libanu – Il-Polonja;

– Artikolu 3 ta' l-Abbozz tal-Ftehim Il-Libanu - Spanja;

– Artikolu 4 tal-Ftehim Il-Libanu – Ir-Renju Unit;

(b) Rifjut, Revoka, Sospensjoni jew Limitazzjoni ta' l-Awtorizzazzjonijiet jew Permessi:

– Artikolu 4 tal-Ftehim Il-Libanu – L-Awstrija;

– Artikolu 3 tal-Ftehim Il-Libanu – Il-Belġju;

– Artikolu 5 ta' l-Abbozz tal-Ftehim Il-Libanu - Ċipru;

– Artikolu 4 tal-Ftehim Il-Libanu – Ir-Repubblika Ċeka;

– Artikolu 5 tal-Ftehim Il-Libanu – Id-Danimarka;

– Artikolu 4 tal-Ftehim Il-Libanu - Franza;

– Artikolu 4 tal-Ftehim Il-Libanu – Il-Ġermanja;

– Artikolu 6 tal-Ftehim Il-Libanu – Il-Greċja;

– Artikolu 4 tal-Ftehim Il-Libanu – L-Ungerija;

– Artikolu 6 tal-Ftehim Il-Libanu – L-Italja;

– Artikolu 4 ta’ l-Abbozz tal-Ftehim Il-Libanu – Il-Lussemburgu;

– Artikolu 7 ta’ l-Abbozz tal-Ftehim il-Libanu-Malta;

– Artikolu 6 tal-Ftehim Il-Libanu – L-Olanda;

– Artikolu 3 tal-Ftehim Libanu-Polonja;

– Artikolu 4 ta' l-Abbozz tal-Ftehim Il-Libanu - Spanja;

– Artikolu 5 tal-Ftehim Il-Libanu – L-Iżvezja;

– Artikolu 4 tal-Ftehim Il-Libanu – Ir-Renju Unit;

(c) Kontroll regolatorju:

– Artikolu 7bis tal-Ftehim Il-Libanu – L-Awstrija;

– Artikolu 7 tal-Ftehim Il-Libanu – Ir-Repubblika Ċeka;

– Artikolu 8 ta’ l-Abbozz tal-Ftehim Il-Libanu - Franza;

– Artikolu 7 ta’ l-Abbozz tal-Ftehim Il-Libanu – Il-Lussemburgu;

– Artikolu 6 ta’ l-Abbozz Rivedut tal-Ftehim Il-Libanu – Il-Ġermanja;

(d) Tassazzjoni tal-Fjuwil għall-Avjazzjoni:

– Artikolu 5 tal-Ftehim Il-Libanu – L-Awstrija;

– Artikolu 4 tal-Ftehim Il-Libanu – Il-Belġju;

– Artikolu 7 tal-Ftehim Il-Libanu - Ċipru;

– Artikolu 8 tal-Ftehim Il-Libanu – Ir-Repubblika Ċeka;

– Artikolu 9 tal-Ftehim Il-Libanu – Id-Danimarka;

– Artikolu 10 ta’ l-Abbozz tal-Ftehim Il-Libanu-Franza;

– Artikolu 6 tal-Ftehim Il-Libanu – Il-Ġermanja;

– Artikolu 10 ta’ l-Abbozz Rivedut tal-Ftehim Il-Libanu – Il-Ġermanja;

– Artikolu 3 tal-Ftehim Il-Libanu- Il-Ġreċja;

– Artikolu 14 tal-Ftehim Il-Libanu – L-Ungerija;

– Artikolu 3 tal-Ftehim Il-Libanu – L-Italja;

– Artikolu 8 ta’ l-Abbozz tal-Ftehim Il-Libanu – Il-Lussemburgu;

– Artikolu 9 ta’ l-Abbozz tal-Ftehim Il-Libanu-Malta;

– Artikolu 6 tal-Ftehim Il-Libanu – Il-Polonja;

– Artikolu 5 ta’ l-Abbozz tal-Ftehim Il-Libanu-Spanja;

– Artikolu 9 tal-Ftehim Il-Libanu – L-Iżvezja;

– Artikolu 5 tal-Ftehim Il-Libanu – Ir-Renju Unit;

(e) Tariffi għall-Ġarr fil-Komunità Ewropea:

– Artikolu 9 tal-Ftehim Il-Libanu - L-Awstrija;

– Artikolu 7 tal-Ftehim Il-Libanu – Il-Belġju;

– Artikolu 16 ta’ l-Abbozz tal-Ftehim Il-Libanu - Ċipru;

– Artikolu 12 tal-Ftehim Il-Libanu – Ir-Repubblika Ċeka;

– Artikolu 7 tal-Ftehim Il-Libanu – Id-Danimarka;

– Artikolu 14 ta’ l-Abbozz tal-Ftehim Il-Libanu - Franza;

– Artikolu 9 tal-Ftehim Il-Libanu – Il-Ġermanja;

– Artikolu 14 ta’ l-Abbozz tal-Ftehim Rivedut Il-Libanu – Il-Ġermanja;

– Artikolu 7 tal-Ftehim Il-Libanu – L-Ungerija;

– Artikolu 13 ta’ l-Abbozz tal-Ftehim Il-Libanu – Il-Lussemburgu;

– Artikolu 14 ta’ l-Abbozz tal-Ftehim Il-Libanu - Malta;

– Artikolu 10 tal-Ftehim Il-Libanu – Il-Polonja;

– Artikolu 7 ta’ l-Abbozz tal-Ftehim Il-Libanu - Spanja;

– Artikolu 7 tal-Ftehim Il-Libanu – L-Iżvezja;

– Artikolu 7 tal-Ftehim Il-Libanu – Ir-Renju Unit;

ANNESS 3

Lista ta' stati oħra msemmija fl-Artikolu 2 ta' dan il-Ftehim

(a) **Ir-Repubblika ta' l-Iżlanda** (taħt il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea);

(b) **Il-Prinċipat tal-Liechtenstein** (taħt il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea);

(c) **Ir-Renju tan-Norveġja** (taħt il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea);

(d) **Il-Konfederazzjoni Żvizzera** (taħt il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar it-Trasport ta' l-Ajru).